Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 426/2018

Il-Pulizija

(Spettur Kylie Borg)

Vs

Josef Agius

Illum 11 ta' Lulju, 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Josef Agius detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 577581M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar it-3 ta' Marzu 2016 u fix-xhur ta' qabel ġewwa Ħaż-Żebbuġ:

1. Ghamel ingurja jew theddid mhux imsemmi banda ohra fil-Kodici Kriminali u jekk kien ipprovokat hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

2. Ta fastidju lil Elaine Grech meta kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghaliha;

3. Permezz ta' network jew apparat tal-komunikazzjoni elettronika hedded li jaghmel reat jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew haga ohra jew biex jaghmel xi gwadann jew bil-hsieb li jgieghel lil Elaine Grech taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga jew hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra taghha jew biex immalafama lill-istess Elaine Grech jew xi persuna ohra ghamel uzu iehor mhux xieraq bih.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-Art 383 tal-Kap 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-15 ta' Novembru 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 251A(1) (a) (b) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li għar-raġunijiet premessi il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni u filwaqt li sabitu ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni miġjuba kontrih.

In kwantu ta' piena, il-Qorti qieset li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, inkluż ix-xorta tar-reat u l-karattru tal-ħati, mhux spedjenti li twaħħal piena u wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, illiberat lil ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien xahrejn millum.

Il-Qorti ddikjarat li hija wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi li jitnisslu minn din l-ordni fis-sens li jekk il-ħati jikkommetti reat ieħor fil-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata il-Qorti tkun tista' tittratta miegħu fir-rigward ta' dan ir-reat u jingħata s-sentenza oriġinali.

Inoltre, sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Elaine Grech, Mark Micallef u tal-familja tagħhom kif ukoll sabiex jinżamm l-ordni pubbliku wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi

Kriminali rabtet lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu personali għal perjodu ta' sena taħt penali ta' elfejn euro (€2000).

Gie ben intiż li din is-sentenza bl-ebda mod ma għandha tippreġudika l-jeddijiet ċivili rispettivi tal-partijiet relattivament għal binthom minuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Josef Agius, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Dicembru 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tielet akkuza, tirrevoka u thassar is-sentenza appellata, u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena; sussidjarjament/ alternattivament, u biss f'kaz li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-aggravji tal-appellant dwar is-sejbien ta' htija u ghalhekk tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward tas-sejbien tal-htija, l-appellant jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena inflitta in kwantu l-Ewwel Qorti ordnat il-hrug ta' garanzija fil-konfront ta' Mark Micallef.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Josef Agius huma s-segwenti u cioè:-

**1. <u>L-Ewwel Aggravju</u> - Preskrizzjoni**

Illi l-Ewwel Qorti kienet zbaljata in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza kif kontemplata taht l-Artikolu 339 (1) (e) billi din l-istess akkuza hija preskritta bi trapass ta' tliet (3) xhur. Fl-atti ma tirrizulta ebda prova dwar id-data li fiha gie notifikat ghajr il-prezenza tieghu fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2016.

**2. <u>It-Tieni Aggravju</u> - Il-prosekuzzjoni naqset milli ggib l-ahjar provi f'din il-kawza**

a. Illi preliminarjament l-appellant jirrimarka li kien ikun ta' beneficcju ghalih li kieku l-Ewwel Qorti indikat il-motivazzjoni li abbazi taghha hija waslet ghal decizjoni ta' htija. Ghalhekk, f'dan l-istadju l-appellant qieghed jippresupponi li l-Ewwel Qorti sabet il-htija abbazi tal-messaggi li allegatament gew mibghuta lill-parte civile. Fir-rigward tat-tieni akkuza, il-prosekuzzjoni naqset milli ggib l-ahjar prova kontra l-appellant. Din it-tieni akkuza hija l-maggor parti taghha, jew addirittura ghal kollox, ibbazata dwar fastidju li allegatament sehh permezz tal-informatika u cioè messaggi bl-sms fuq telefon cellulari. Fi process kriminali ghandha tingieb l-ahjar prova u hawn l-ahjar prova kellha tkun is-service providers li kellhom jikkonfermaw li l-messaggi kollha gew mibghuta proprju minn numru li huwa abbinat mal-appellant. Gjaladarba l-prosekuzzjoni naqset milli ggib din il-prova, allura l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellha qatt tghaddi sabiex issib htija fl-appellant imsejsa fuq dawn l-istess messaggi.

b. Illi inoltre, il-messaggi allegatament ricevuti mill-parte civile Elaine Grech mhumiex ammissibbli bhala prova kontra tal-appellant. Dawn huma ezercizzju ta' "cut and paste" li mhux debitament kontrollat jew awtentikat kif trid il-ligi.

3. **__It-tielet aggravju__** – L-Ewwel Qorti kienet legalment zbaljata meta hadet konjizzjoni ta' messaggi allegatament mibghuta mill-appellant li jmorru lil hinn mill-perjodu li fih kellu jigi notifikat, u kif kienet zbaljata meta sabet il-htija fl-appellant gjaladarba ma ngiebet ebda prova dwar il-lok fejn gie kommess dan ir-reat.

Illi l-appellant gie limitatament akkuzat talli fit-tlieta (3) ta' Marzu tas-sena 2016 u **fix-xhur ta' qabel gewwa Haz-Zebbug** ta fastidju lil Elaine Grech meta kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghalih. Il-prosekuzzjoni ghazlet li ma ticcitax l-artikolu 18 u ghaldaqstant l-Ewwel Qorti kienet legalment zbaljata meta (presumibbilment) haset konjizzjoni ta' kwalunkwe messagg allegatament ingurjuz li jmur lil hinn minn qabel tliet (3) xhur mid-data tan-notifika.

Illi in oltre, din l-akkuza hija marbuta ma' perjodu u post partikolari u cioè **Haz-Zebbug** u ghalhekk sabiex setghet tissussisti din il-kawza, il-prosekuzzjoni kellha ggib il-prova li kwalunkwe agir ta' fastidju tal-appellant gie kommess proprju minn din il-lokalità.

**4. Ir-raba' aggravju**

Illi dwar ir-reat kif ravvisat fl-artikolu 251A (a) u (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad is-segwenti:-

(1) "Persuna li:

(a) iggib ruhha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra; jew

(b) iggib ruhha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna jkun hatja ta' reat taht dan l-artikolu."

Dan l-artikolu fit-tieni subinciz tieghu jkompli jghid li "*.....persuna li tkun qeghda ggib ruhha b'mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli jkollha l-istess informazzjoni dik kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghall-fastidju tal-persuna l-ohra*".

Illi kif jinghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Onor. Imh. Consuelo Scerri Herrera) fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Clayton Delia** deciza fit-23 ta' Ottubru, 2018:-

*'Fi ftit kliem skond dik id-dispozizzjoni tal-ligi kontenuta fit-tieni sub-inciz ta' l-artikolu li ntroduca r-reat ta' fastidju, il-legislatur Malti applika t-test oggettiv ta' persuna ragjonevoli jew "the reasonable man" fejn persuna li qeghda tagixxi b'mod dubbjuz ghandha tkun taf jekk l-agir taghha jammontax ghal fastidju jew le. Jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni din il-persuna kienet tqis bhala fastidju dak l-agir. L-argument li l-legislatur Malti pogga t-test oggettiv tar-"reasonable man" gie kkonsidrat mill-Qorti tal-Appell preseduta mill-Imhallef J. Galea Debono fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Massimo Tivisini" li kkunsidrat x'jikkostitwixxi imgieba jew agir li jikkostitwixxi fastidju ghall-finijiet ta' l-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali.*

*Din il-Qorti fl-interpretazzjoni taghha li tat ta' dan l-artikolu tat definizzjoni ta' jikkostitwixxi fastidju ghall-finijiet ta' dan l-artikolu u kkwotat minn Black's Law Dictionary (7th edition) fejn jinghad dan li gej dwar fastidju jew harassment :-*

*'Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose'.*

*Skond din il-kwotazzjoni l-fastidju jikkostitwixxi xi kliem, imgieba jew azzjoni li ghandhom ikunu ripetuti jew persistenti li huma diretti lejn persuna specifika, b'tali mod li jdejqu, jallarmaw, jew jikkawzaw dwejjaq emozzjonali fil-persuna koncernata u li ma ghandhom l-ebda skop legittimu (sotto linear ta' din il-Qorti). Il-Qorti ta' l-Appell f'dik is-sentenza qalet ukoll illi l-agir li ghandu jkun ripetut jew persistenti ma ghandux jittiehed in izolament izda fir-retroxxena ta' l-incidenti kollha li jkunu sehhew b'tali mod li jkunu kkawzaw dwejjaq fil-persuna fastidjata (Il-Pulizija vs Alan Caruana Carabez).*

Issa fil-kaz in desamina jirrizulta li l-partijiet kienu mizzewgin. Bejniethom ghandhom tifla li jisimha Amy. Waqt il-proceduri ta' separazzjoni l-appellant sar jaf li r-raguni wara s-separazzjoni taghhom kienet proprju ghaliex l-appellata kellha wicc haddiehor u cioè certu Mark Micallef, li kien il-persuna li hejja d-dokument li gie esebit fl-atti ta' din il-kawza. Sfortunatament Mark Micallef sa mill-ewwel ftit li kien jinsab f'relazzjoni mal-parte civile, ghogbu jkun partecipi fir-rigward tar-relazzjoni ta' bejn l-appellant u bintu Amy Agius. Infatti l-Qorti tal-Familja digà ordnat lill-parte civile sabiex bl-ebda mod ma thalli lil Mark Micallef jinterferixxi fit-trobbija tal-minuri.

Illi strettament minghajr ebda pregudizzju ghall-aggravju migjuba aktar 'il fuq, hekk kif jidher mill-messaggi li gew mibghuta lill-parte civile, certament li dawn ma jinkwadrawx ruhhom fir-reat ta' fastidju.

5. **<u>Il-Hames Aggravju</u>** – Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk din il-Qorti joghgobha tichad l-aggravji dwar is-sejbien ta' htija, jirrizulta wkoll

li erronjament l-Ewwel Qorti ordnat il-hrug ta' garanzija fil-konfront ta' Mark Micallef.

Illi wara li l-Qorti sabet lill-appellant hati tal-ewwel u t-tieni akkuza, ghaddiet ukoll sabiex ordnat il-hrug ta' garanzija taht l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-imsemmi Mark Micallef ma gie indikat imkien fl-akkuzi in kwistjoni u ghalhekk gjaladarba ma hemm l-ebda akkuza li titratta dwar xi ghemil tal-appellant fil-konfront ta' Mark Micallef, u gjaladarba Mark Micallef mhuwiex membru tal-familja ta' Elaine Grech, allura l-Ewwel Qorti kienet legalment zbaljata meta ordnat ukoll il-hrug ta' garanzija a favur l-imsemmi Mark Micallef.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidrat.

Illi nhar it-2 ta' Dicembru, 2016 xehdet **Elaine Grech** pero' x-xhieda taghha ma tinsabx dattilografata f'dawn l-atti u ghalhekk din l-istess Qorti semghet ix-xhieda taghha fis-seduta tal-4 ta' Gunju, 2019. Spjegat li kient ipprezentat kwerela kontra l-ex ragel taghha l-appellant odjern u dan minhabba l-agir tieghu fil-konfront taghha. Tghid li hija izzewget lill-appellant fis-sena 2009 u iz-zwieg taghhom tfarrak fis-sena 2014 meta kienet telqet mid-dar. Minn dak in-nhar 'l quddiem il-messaggi u telefonati ma waqfux. Tghid li kien hemm tghajjir kbir. Imbaghad skopra li kellha relzzjoni ma haddiehor u beda isegwiha u d-doza tal-messaggi zdiedu. Tiftakar li fit-3 ta' Marzu 2016 kienet ghaddejja bil-karozza u kien baghtilha mesag biex juriha li kien jaf minn fejn kienet ghaddejja.

Tiftakar li darba minnhom partikolarment fit-8 ta' Marzu 2016 marret bil-karozza flimkien mal-partner taghha Mark Micallef iwaslu lil bintha Amy l-Muzew Haz Zebbug u l-appellant ghamillha messag li kien raha fil-kumpanija tal-partner taghha u dan waqt li hu kien ipparkjat fi-karozza tieghu hdejn l-istess Muzew.

Spjegat li kienet applikat ghal kors unversitarju u sar jaf qabel ma hija fil-fatt kient irceviet mill-Univerista' li kient giet accettata

Tghid li l-agir tieghu kien qed jikkreja biza fiha li kien qed isegwilha l-passi taghha. Qalet li kient tircievi hafna messaggi.

Hija pprintjat il-messaggi li irceviet bejn il-perijodu tal-16 ta' Mejju sal-15 ta April 2016. Minn esami ta dawn il-messaggi jirrizulta id-diversi insulti li ghamlilha fosthom li hija mara moqieza, li hija hadra ifga ja demel. Fil-fatt kellha tibblokjah minkejja li ghandhom tifla in komuni.

Mistoqsija in kontro esami jekk setghax sar jaf li applikat ghal kors universitarju ghaliex kellhom ibidlu l-hinijiet tal-access tat-tifla tghid li filwaqt li huwa veru li l-hinijiet tbiddlu pero' dan sar wara li kien qallha li kien jaf bil-kors li applikat ghalih. Mistoqsija jekk fil-fatt l-messaggi li esebiet gew ipprintjati minnha jew minn Mark Micallef tghid li ghamlet id-down loads mieghu u wara esaminathom u ghamlu *break down* taghhom peress li kienu voluminuzi.

Spjegat li kienet inkwetta hafna tant li tilfet hafna piz u spiccat tizen 47 kilos. Qalet li kull meta kienet tirceivi mesaggi minghandu kienet twiegbu sakemm fuq parir tal-pskologa ibblukjatu

**Mark Micallef** xehed fl-istess seduta u kkonferma li kien qieghed f'relazzjoni ma Elaine Grech. Ikkonferma li l-appellant kien mizzewweg lil Elaine li kien qed isegwilha l-passi taghha. Jghid li kien jibghatilha hafna messaggi jghajjarha u jintimidha. Spjega li l-messaggi li huma esebiti fl-atti gew kompilati minnu flimkien ma' Elaine Grech. Qal li kien ikun hemm okkazzjonijiet meta l-appellant ken icempel lil Elaine u kien jiehu it-telefon minn idejha u jghidlu biex ma jcempilhiex

Ikkonferma li darba minnhom kien akkompanja lil Elaine sabeix twassal lil bintha Amy l-Muzew u kien hemm l-appellant fil-kantuniera u dak il-hin baghtilha messagg biex

juriha li kien jaf li kienet qeda mieghu. Fil-fatt ak il-hin kien startja il-vettura u ghadda minn maghhom.

Ikkonferma l-incident meta Elaine kient applikat ghal-kors universitarju u kien sar jaf qabel ma Elaine kienet irceviet il-konferma mill-Unversita. Qal li kien hemm drabi meta kien isibha tibki. It-tifla Amy ghandha 8 snin tghalaq 9 snin f Ottubru.

Qal li l-appellant anke mar ikellem lil mara tieghu Chritine u qallha hafna affarijiet dwaru u dwar Elaine meta huwa u li Elaine ghandhom relazzjoni tajba mal-mara tieghu. Spjega li kien il-hin kollu jivvessaha. Qal li Elaine spiccat anke titlob l-ghajnuna ta' psikologa. Meta kienet waslet fit-tmiem it-tqala ta' tarbija tieghu iddeciedew fuq parir tal psikologa li kellha tibblokja in-numru tieghu minn fuq it-telefon taghha

Dwar ir-rapport esesbit fl-atti fejn hemm kompilati l-mesaggi kollha li Elaine kienet tircievi minghand l-appellant jghid li dan sar minnu flimkien ma Elaine. Kien esercizzju kbir ghalix kien hemm hafna messaggi u fil-fatti iddecidew li jghamlu rapport u jikklassifikaw dawn il-messaggi. Qal li dan kien esercizzju li sar mgharuf bhala export tal-whattsapp fejn hemm application u tista' tiddownloadja il-mesaggi kollha li tkun baghat u ircevejt.

Mistoqsi in kontro esami jekk l-appellant setgha kien hdejn il-Muzew ghaliex kellu jigbor it-tifla jghid li ma jidhirlux ghaliex it tifla tmur lMuew ma min ikollu access taghha dak in-nhar u la haduha homa tfisser li l-access dak in-nhar ken f'idejn Elaine. Pero dan qed ighidu mill-logika tieghu ghalex ma jiftakarx min kellu l-acess dak in-nhar.

Ikkunsidrat,

L-ewwel Qorti kient sabet lill-appellanti hati tal-ewwel akkuza li hija wahda ta' natura kontravenzjonali. Jidher li l-akkuzai jirrisalu ghall-perijodu specifiku u cioe fit-3 ta Maru 2016 u fix-xhur ta qabel. Ghalhekk semmai l-ahhar ingurja jew theddida saret fit-3 ta' Marzu 2016. Illi minn esami tac-citazzjoni jirrizulta li l-ewwel seduta ghas smeigh ta'

din il-kawza kien fis-17 ta Ottubru 2016 u jidher li ghal dik is-seduta kif jirrizulta mill-verbal fl-atti l-prosekuzzjonni ma kellhiex riferta tal-appellant ghal dik is-seduta u ghalhekk stante it-trapass ta tlett xhur kif previst fl-artikolu 688(f) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta Malta din il-Qorti qed tilqa l-aggavju tal-appellant f'dan ir-rigward u tiddikjara l-ewwel akkuza preskritta u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-istess akkuza.

Dwar it-tielet akkuza l-ewwel Qorti ma sabitx lill-appellant hati u illiberatu minnha u ghalhekk baqa biss it-tieni akkuza u cioe li l-appellant ta fastidju lil Elaine Grech meta kien jaf jew messu kien jaf li l-agir tieghu kien ta fastidju ghaliha.

Dan hu r-reat previst fl-artikolu 251A(1)(a (b) tal-kap 9 tal-ligijeit ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:-

'251A. (1) Persuna li ġġib ruħha:

(a) b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra, u

(b) b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna, tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu.

(2) Għall-fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qjies ta' persuna raġonevoli jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l-imġiba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.

(3) Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li:

(a) l-imġieba tagħha kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi delitt; jew

(b) l-imġieba tagħha kienet dovuta taħt xi liġi, regolament jew regola, jew biex tikkonforma ruħha ma' xi kondizzjoni jew ħtieġa imposta minn xi persuna taħt xi liġi; jew

(ċ) fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġieba kienet waħda raġonevoli.

(4) Persuna misjuba ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu tista' teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn xahar sa tliet xhur jew multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u mhux iżjed minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75), jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Din il-Qorti thoss li ghandha taghmel referenza ghal dak li gie rapportat fis-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti diversament fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Carmelo Vella**[1] fejn gie ritenut li l-fastidju prospettat f'dan l-artikolu huwa differenti minn dak li jidher fil-kontravenzjoni 339(1)(n) dwar il-fastidju lix-xjuħ.

Dan l-artikolu huwa meħud kważi kelma, b'kelma mil-liġi '*Protection of Harassment Act 1997*'. Dwar l-Att lArchbold jgħid dan li ġej:

F'dan il-każ jgħodd l-artikolu 222(1)(a) fejn fost persuni oħra jissemmew : '*jew fuq il-persuna tar-raġel jew tal-mara.*'

'*The Act describes itself as one 'to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct.*'

It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is, however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to harassing a person include alarming the person or causing the person distress.

In '**Tuppen and anor vs Microsoft Corporation Limited and anor, The Times[2]'**, Douglas Brown J held that there being no definition of 'harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the

[1] Deciz fl-14 ta Mejju 2012.

[2] November 15 2000, QBD

word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment.

But in '**Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, The times**[3], it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which was calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable.

Two incidents can constitute a ' course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it is that they could be described as 'a course of conduct'[4]:.

In '**Pratt vs DPP'** [5], it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon. On the facts, it was held that two incidents, three months apart, in the first of which the defendant threw a beaker of water at his wife, and in the second of which he chased round the house, swearing and repeatedly questioning her were close to the line, but the conviction could be sustained where the incidents took place against a background of an undertaking having been given in civil proceedings by the defendant not to sue or threaten violence against his wife, nor to harass or pester her.

The test under section 1(2)[6] is entirely objective; the reasonable man is not to be imbued with the peculiar characteristics of the offender.[7]'

---

[3] July 25th 2001, CA (Civ.Div)

[4] Lau vs DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC

[5] 165 J.P. 800 DC

[6] Din tikkorispondi għat-251A(2) tal-Kap 9

[7] Archbold : 2003 pages 1688 – 1689 paragraphs 19-277a; 19-277b

Il-Qorti kkwotat in extenso biex turi li l-interpretazzjoni ta' dan l-aritkolu mhix limitata biss għal dak li qed jissottometti l-appellant. Il-parti li tidher 'in bold' fil-paragrafu ta' qabel turi li dan l-artikolu mhux limitat għal 'stalking' biss ghax il-ligi tghid ukoll ' *similar conducts'*..

Anzi, jidher li dan l-artikolu jista' jkun applikat fi kwistjonijiet domestiċi wkoll speċjalment meta l-ġlied u l-fastidju jkunu laħqu ċerta grad.

Ikkunsidrat :

Huwa veru illi f'proceduri li jirrigwardaw separazzjonijiet hemm certu ansjeta u forsi ukoll rabja pero' dan ma jippermettix li parti isegwi l-passi tal-parti l-ohra. Kulhadd ghandu jithalla jghix hajtu kif irid basta fil-parametri tal-ligi. Jidher evidenti li l-appellant ghanu cetu rabja li martu Elaine Grech bdiet relazjoni ma terza persuna pero' dan ma jiggustifikax l-ghemil tieghu li jibght mijiet ta' messagi lil martu meta din iddecidiet li tghi hajja ndependenti minnu. M'huwiex il-fatt li l-appellant jibghat messagg lil martu li forsi jista' jkun gustifikat stante li bejniethom hemm tarbija minuri Amy izda in-numru essagerat u kontinwu li jwassal ghall-fastidju u oltre dan l-kontenut tal-messaggi li jindikaw evidentement li qieghed jigri wara l-persuna taghha. Huwa dan l-agir li ghandu jitqies bhala fastidju fis-sens tal-ligi.

Din il-Qorti ma thoss li hemm lok ghalfejn taghmel accenn ghat-tip ta' messaggi li gew mibghuta lil Elaine u dawn ghaliex huma esebiti fl-atti u zgur li jammontaw ghal fastidju. Huma messaggi negattivi, ripettitivi insolenti ingurjuzi u zgur li huma mibghuta f'dell ikrah biex idejqu lil Elaine Grech.

Illi l-appellant jghid li –posekuzzjoni naqset li ggib l-ahjar prova u dan ghaleix ma ressqitx lil service provider biex jipprova li l-messaggi gew mibghuta minn l-appellant. Bir-rispett kollu din il-Qorti tghid li ma kienx hemm il-htiega li jitressaq dan ix-xhud u dan ghaleix dawn il-messaggi gew konermati mir-ricevitur taghhom Elaine Grech u in

oltre dan jirrizulta li Mark Micallef jghid ukoll il kien hu stess li qabad it telefon u qal lill-appellant biex jieqaf minn dan l-agir. Dan fl-ebda hin ma gie michud mill-appellant.

Dwar it tielet aggravju u cioe li l-ewwel Qorti marret lil hin mill-perjodu indikat fic-citazzjoni jinghad li din il-Qorti rat l-messaggi l igew mibghuta u appuntu dawk fil-perjdou indikat fic-citazzjoni u fl-assejm tghhom jammontaw ghal dak li jissejah fastidju. Il-Qorti mhiex qed tibbaza il-gudizzju taghha fuq l-incident ta' Haz Zebbug tal-Muzew izda fuq il kwantita' u volum ta' messaggi li gew mibghuta wiehed wara l-iehor u l-kontenut taghhom li fil-maggor parti ma kellhom l-ebda importanza. Dwar ir-raba aggravju u cioe l-appellant jilmenta mill-fatt li Mark Micallef indahal fir-rlazzjoni ta' bejn l-appellant u Elaine Grech. Jinghad li illum il-gurnata Mark Micallef huwa l-partner rikonoxxut ta' Elaine Grech tant li bejneithom ghandhom wild u ghalhekk fl-interess taghha ghandu kull dritt li jindahal purche hi ma toggezzjonax. Molto piu meta tqis li minhabba l-agir tal-appellant Elaine spiccat tizen 47 kilos kif msitqarr minnha.

Dwar il-hames aggravju u cioe' li l-ewwel Qorti ordnat il-garanzija fil-konfront ta' Mark Micallef ukoll din il-Qorti taqbel mal-aggravvju tal-appellant stante li Mark Micallef fl-ebda hin ma kien kwerelant f'dain il-kawza u ghalhekk il-granzija kellha tkun limitata fil-konfront ta Elaine Grech biss.

L-Ewwel Qorti kellha dawn il-provi quddiemha u wasslet ghall-konkluzzjoni li l-appellant kellu jkun hati tal-imputazzjoni addebitata lilu.

Din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet sabiex tippronuncja ruhha fuq dan il-punt. Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi wasslet ghaliha.

Din il-Qorti ghamlet apprezzament approfondiet tal-atti u waslet ghall-konkluzzjoni illi l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet waslet ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha fir-rigward tat-tieni akkuza.

Din il-Qorti qeda tilqa' l-appell tal-appellant fir-rigward ta' l-ewwel akkuza stante li qeda tiddikjara l-akkuza bhala preskritta u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha qeda tikkonfermaha fir-rigward tal-liberatorja dwar it-tielet akkuza u qeda tikkonfermaha dwar is-sejbien ta' htija fir-rigward tat-tieni akkuza u fejn lliberat lill-appellant bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien xahrejn ai termini tal-artikolu 22 tal kap 446 tal-ligijiet ta' Malta liema terminu pero ghandu jibda jiddekorri mill illum.

Qeda ukoll tikkonferma il-hrug ta' garanzija taht l-artikolu 383 tal- Kodici Kriminali fejn qed torbot lill-hati taht obbligazzjoi tieghu personali ghal perijodu ta' sena mill illum taht penali ta' elefejn euro (€2,000) li ma jimmolestax lil Elaine Grech u tirrevoka fil-konfront ta' Mark Micallef.

Din il-Qorti qeda tabbraccja ukoll il-hsieb muri mill-ewwel Qorti li din is-sentenza ma ghandhiex tipregudika l-jeddijiet civili rispettivi tal-partijiet relattivament ghal binthom minuri Amy.

Consuelo Scerri Herrera

Imhallef